



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.6.2021
COM(2021) 313 final

2021/0146 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/216 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward tal-kwota tariffarja tal-Unjoni għal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja mill-
Paragwaj**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Fid-29 ta' Marzu 2017, il-Gvern tar-Renju Unit (UK) innotifika l-Kunsill Ewropew bl-intenzjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni Ewropea (UE). Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit sar "pajjiż terz". Mill-1 ta' Jannar 2021, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni Ewropea ma baqgħetx tapplika għar-Renju Unit.

Id-deċizzjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-UE ħolqot il-ħtieġa li "jitqassmu" l-impenji kwantitattivi li jinsabu fl-iskeda UE-28 tad-WTO għall-143 kwota tariffarja (TRQ) tad-WTO fil-qasam industrijali, tal-agrikoltura u tal-ħut tal-UE. L-UE bdiet dan il-proċess f'Ġinevra f'Ottubru 2018. Il-bażi ta' dan l-approċċ kien biex fil-futur jinżamm bis-sħiħ il-volum eżistenti ta' kull kwota tariffarja, iżda jinqasam f'żewġ territorji doganali separati: l-UE-27 u r-Renju Unit.

Il-Paragwaj għandu kwota tariffarja ta' 1 000 tunnellata għal laħam bovin ta' kwalità għolja (numru tal-ordni 094455), li mhuwiex inkluż fl-iskeda tad-WTO tal-UE. Din il-kwota tariffarja ġiet inkluzja żbaljatament fl-eżerċizzju ta' tqassim u għalhekk tnaqqset għal 711 tunnellata fuq in-naħa tal-UE-27 mingħajr ma nfetaħ l-ebda volum korrispondenti min-naħa tar-Renju Unit.

Dan ifisser li l-aċċess għas-suq tal-Paragwaj tnaqqas minn 1 000 tunnellata għal 711-il tunnellata b'applikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament emendatorju jimmira li jerġa' jinkiseb il-volum korrett tal-UE-27 (1 000 tunnellata) għall-kwota tariffarja 094455.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din l-inizjattiva hija konformi mal-azzjonijiet tal-UE li għaddejjin bħalissa biex jiġi żgurat li l-konsegwenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE jkunu indirizzati b'mod ordnat.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Bħal ta' hawn fuq.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-politika kummerċjali komuni hija kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Il-miżura prevista hija l-uniku mod kif jiġi żgurat ir-riżultat mixtieq.

- **Għażla tal-istrument**

Id-dispożizzjoni oriġinali għet stabbilita b'Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Ikun meħtieġ mbagħad Regolament ieħor tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jemendah.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq id-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mhux applikabbli.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jemenda r-Regolament (UE) 2019/216 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jipprevgjeni li titqassam il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 094455.

L-Artikolu 2 jipprevedi d-dħul fis-seħħ tar-Regolament, sebat ijiem wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/216 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kwota tariffarja tal-Unjoni għal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja mill-Paragwaj

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, l-Unjoni u r-Renju Unit innotifikaw lill-Membri l-oħra tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) li l-livell attwali tagħhom ta' aċċess għas-suq se jinżamm iżda se jitqassam rispettivament bejn l-Unjoni u r-Renju Unit. Il-metodoloġija għal dan it-tqassim, kif ukoll il-volumi l-ġodda tal-UE-27, huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/216 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (2) Jenħtieġ li l-kwoti tariffarji tal-Unjoni li mhumiex parti mill-iskeda ta' konċessjonijiet u impenji ma jitqassmux.
- (3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1149/2002² jiftaħ kwota tariffarja tal-importazzjoni ta' 1 000 tunnellata ta' laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja, frisk, imkessaħ jew iffriżat. Minkejja li ma kinitx parti mill-iskeda tad-WTO tal-Unjoni, din il-kwota tariffarja ġiet imqasma żbaljatament bir-Regolament (UE) 2019/216, u b'hekk tnaqqas il-volum tagħha bl-applikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2021. Jenħtieġ li jerġa' jinkiseb il-volum oriġinali ta' dik il-kwota tariffarja.
- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/216 jiġi emendat skont dan,

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/216 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2019 dwar it-tqassim tal-kwoti tariffarji inklużi fl-iskeda tad-WTO tal-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 (ĠU L 38, 8.2.2019, p. 1).

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1149/2002 tas-27 ta' Ġunju 2002 li jiftaħ kwota awtonoma għall-importazzjonijiet ta' laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja (ĠU L 170, 29.6.2002, p. 13).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness, il-Parti A, tar-Regolament (UE) 2019/216, titħassar ir-ringiela relatata man-numru tal-ordni 094455 (Laħam ta' kwalità għolja tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat mill-Paragwaj).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President